# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 5 ta' Mejju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Spiteri)**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Omissis

Akkuzat talli f''dawn il-gzejjer u/jew gewwa l-lokal b'l-isem Omissis f'xi zmien bejn Dicembru 2017 u April 2018

1. Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta u cioe Omissis

2. Ikkkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Omissis u Omissis (minuri) u cioe kontra persuna imsemmija f'l-artikolu 202; u aktar talli

3. Bhala impjegat f'l-istess post ta' xoghol, ta fastidju sesswali lil impjegata u cioe Omissis billi ssoggettahom ghal att ta' intimita fizika u/jew talab favuri sesswali lill-persuni imsemmija u/jew issuggetahom ghal xi atti u/jew kondotta b'konnotazzjonijiet sesswali, liema att, talba

jew kondotta ma kienux mixtieqa mill-vittmi u jisghu ragonevolment jitqiesu bhala offensivi umiljanti u intimidatorji.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tapplika ukoll l-artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Omissis u Omissis

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta'l-artikoli 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-proceduri kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li jidhrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament ai termini ta'l-artikoli 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qort ta' Gudikatuira Kriminali u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedinal penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll tat-talba ta'l-imputat biex jitpogga taht ordni ta' trattament.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 202(g), 204C u 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah disgha xhur prigunerija. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' trattament ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. In konkluzzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 382A u 412C

ta'l-istess Kapitolu 9 biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Omissis u Omissis qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**